# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 18**

**Avviz numru 34/99/SM**

**Raymond u Sharon konjugi Borg**

**vs**

**Hal-Mann Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:**

1. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'somma li tigi hekk likwidata u li ma teccedix l-elf lira Maltin (LM1,000), b'rizultat ta' xoghol ta' tqeghid ta' madum mis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-atturi, liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-**

**sengha u/jew peress li l-madum imqieghed kien difettuz;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-eventwali hlas - ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta li qed tkun ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, billi l-materjal fornit kien skond il-kwalita' miftehma u x-xoghol maghmul skond is-sengha;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohrajn;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluza r-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat minn din il-qorti;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata s-16 ta' April tas-sena 2002 u dik tal-atturi datata 23 ta' April tas-sena 2002;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi fl-1997 l-atturi ordnaw kwantita' ta' madum minn ghand is-socjeta' konvenuta biex jigu wzati fil-garage u fit-tarrazzin taghhom;**

**2. Illi qabel ma gie konkluz il-kuntratt in dizamina s-socjeta' konvenuta baghtet impjegat taghha biex ikejjel il-postijiet fejn kellhom jitwahhlu l-**

**madum u l-atturi allura hallew kollox f'idejn dan l-impjegat;**

3. **Illi kienu wkoll l-impjegati tas-socjeta' konvenuta li ffinalizzaw ix-xoghol u l-atturi hallsu l-ammont dovut kwazi kollu, eskluz il-"polish";**

4. **Illi wara perjodu ta' xahar il-madum imwahhal beda' jinkiser nonostante li dan kien twahhal fuq il-konkos;**

5. **Illi ghadda aktar zmien u l-madum baqa' jinkiser;**

6. **Illi s-socjeta' konvenuta regghet baghtet impjegati taghha biex jimmedjaw is-sitwazzjoni izda dan irrizulta li kien inutili peress li l-madum baqa' jinkiser;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minhabba n-natura specjalizzata tal-kwistjoni l-qorti kienet kostretta tinnomina perit tekniku biex jirrelata specifikament fuq is-segwenti kweziti:**

1. **Jekk il-madum tal-garaxx in dizamina giex imqieghed tajjeb skond is-sengha u l-arti;**

2. **Jekk il-madum uzat kienx ikkonsidrat ta' materja tajjeb;**

3. **Jekk il-hsarat irriskontrati humiex naxxenti miz-zewg fatturi msemmija qabel;**

4. **Jekk jirrizulta fl-affermattiv, l-ammont ta' danni in dizamina;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ezaminat funditus ir-relazzjoni peritali sottomessa u ma tistax ma tirrimarkax li l-espert nominat mar inutilment ferm oltre dak minnhu rikjest;**

**Illi konsegwentement din il-qorti tiddikjara li qed tirrespingi ghal kollox dawk il-partijiet tar-relazzjoni li**

**jistraripaw mill-limitazzjonijiet specifici imposti mill-qorti fid-digriet tan-nomina taghha datat l-11 ta' Frar tas-sena 2000 u tawspika li dan ma jergax jirrepeti ruhu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mir-relazzjoni de quo jirrizulta s-segwenti:**

1. **Illi parti zghira tal-madum hi danneggiata;**

2. **Illi x-xoghol ta' tqeghid sar skond is-sengha u l-arti;**

3. **Illi l-kwalita' tal-madum uzat hija tajba;**

4. **Illi l-hsarat ikkagunati huma rizultat ta' "grouting";**

5. **Illi r-rizultat finali m'hux dak mixtieq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti tiddeciedi li:**

1. **Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi;**

2. **Tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0), ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), ta' l-ammont globali ta' danni mitluba mill-atturi;**

3. **Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Hal-Mann Limited thallas l-ammont ta' danni hekk likwidat lill-atturi Raymond u Sharon Borg, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru ta' l-1998.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**